Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 13 ta' Jannar 2025**
**(OR. en)**

**5271/25**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2025/0002(NLE)**

**CORDROGUE 2**
**SAN 9**
**RELEX 34**

**PROPOSTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 13 ta' Jannar 2025 |
| lil: | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2025) 6 final |
| Suġġett: | Proposta għal<br>DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL<br>dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-Unjoni Ewropea, fit-tmienja u sittin sessjoni tal-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi dwar l-iskedar ta' sustanzi taħt il-Konvenzjoni Unika dwar Drogi Narkotiċi tal-1961, kif emendata bil-Protokoll tal-1972, u l-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi tal-1971 |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 6 final.

---

Mehmuż: COM(2025) 6 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 13.1.2025
COM(2025) 6 final

2025/0002 (NLE)

Proposta għal

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-Unjoni Ewropea, fit-tmienja u sittin sessjoni tal-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi dwar l-iskedar ta' sustanzi taħt il-Konvenzjoni Unika dwar Drogi Narkotiċi tal-1961, kif emendata bil-Protokoll tal-1972, u l-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi tal-1971**

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna d-deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea (UE) fit-68 sessjoni tal-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi (CND, Commission on Narcotic Drugs) tan-Nazzjonijiet Uniti (NU) fir-rigward tal-iskedar ta' sustanzi taħt il-Konvenzjoni Unika tan-NU dwar id-Drogi Narkotiċi tal-1961, kif emendata bil-Protokoll tal-1972, u l-Konvenzjoni tan-NU dwar is-Sustanzi Psikotropiċi tal-1971. It-68 sessjoni tas-CND hija skedata li ssir mill-10 u sal-14 ta' Marzu 2025.

## KUNTEST TAL-PROPOSTA

### 1.1. Il-Konvenzjoni Unika tan-NU dwar id-Drogi Narkotiċi tal-1961, kif emendata bil-Protokoll tal-1972, u l-Konvenzjoni tan-NU dwar is-Sustanzi Psikotropiċi tal-1971

Il-Konvenzjoni Unika tan-NU dwar id-Drogi Narkotiċi tal-1961, kif emendata bil-Protokoll tal-1972, (il-"Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi")[1] għandha l-għan li tiġġieled l-abbuż tad-drogi permezz ta' azzjoni kkoordinata fil-livell internazzjonali. Hemm żewġ forom ta' intervent u ta' kontroll li jaħdmu id f'id. L-ewwel nett, hija tara li l-pussess, l-użu, il-kummerċ, id-distribuzzjoni, l-importazzjoni, l-esportazzjoni, il-manifattura u l-produzzjoni ta' drogi jkunu limitati biss għal skopijiet mediċi u xjentifiċi. It-tieni, tikkumbatti t-traffikar tad-droga permezz ta' kooperazzjoni internazzjonali li tkun ta' deterrent u skuraġġament għat-traffikanti tad-droga.

Il-Konvenzjoni tan-NU dwar is-Sustanzi Psikotropiċi tal-1971 (il-"Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi")[2] tistabbilixxi sistema ta' kontroll internazzjonali għas-sustanzi psikotropiċi. Hija rrispondiet għad-diversifikazzjoni u l-espansjoni tal-ispettru tad-drogi ta' abbuż u introduċiet kontrolli fuq numru ta' drogi sintetiċi skont l-abbuż potenzjali tagħhom, minn naħa, u l-valur terapewtiku tagħhom min-naħa l-oħra.

L-Istati Membri kollha tal-UE huma partijiet għall-Konvenzjonijiet, filwaqt li l-Unjoni mhijiex.

### Il-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi

Is-CND hija kummissjoni tal-Kunsill Ekonomiku u Soċjali tan-NU (ECOSOC, Economic and Social Council) u l-funzjonijiet u s-setgħat tagħha huma, *inter alia*, stabbiliti fiż-żewġ Konvenzjonijiet. Hija magħmula minn 53 Stat Membru tan-NU eletti mill-ECOSOC. F'Marzu 2025, 13-il Stat Membru tal-UE se jkunu membri tas-CND bid-dritt tal-vot.[3] L-Unjoni għandha status ta' osservatur fis-CND.

### L-att previst tal-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi

Is-CND temenda b'mod regolari l-lista ta' sustanzi li huma annessi mal-Konvenzjonijiet fuq il-bażi tar-rakkomandazzjonijiet tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO, World Health Organisation) li tingħata pariri mill-Kumitat ta' Esperti tagħha dwar id-Dipendenza fuq id-Droga (ECDD, Expert Committee on Drug Dependence).

---

1 United Nations Treaty Series (Sensiela tat-Trattati tan-Nazzjonijiet Uniti), vol. 978, Nru 14152.

2 United Nations Treaty Series (Sensiela tat-Trattati tan-Nazzjonijiet Uniti), vol. 1019, Nru 14956.

3 L-Awstrija, il-Belġju, Franza, il-Finlandja, l-Ungerija, l-Italja, il-Litwanja, Malta, in-Netherlands, il-Polonja, il-Portugall, is-Slovenja u Spanja.

Fil-21 ta' Novembru, id-WHO rrakkomandat lis-Segretarju Ġenerali tan-NU[4] li jżid ħames sustanzi li ġew rieżaminati b'mod kritiku mill-ECDD fl-iskedi tal-Konvenzjonijiet.

Fit-68 sessjoni tagħha, li se ssir fi Vjenna mill-10 sal-14 ta' Marzu 2025, is-CND hija mitluba tadotta d-deċiżjonijiet dwar l-iskedar ta' dawn is-sustanzi taħt il-Konvenzjonijiet.

### IL-POŻIZZJONI LI GĦANDHA TITTIEĦED F'ISEM L-UNJONI

Bidliet fl-iskedi tal-Konvenzjonijiet għandhom riperkussjonijiet diretti fil-kamp tal-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni fil-qasam tal-kontroll tad-droga għall-Istati Membri kollha. L-Artikolu 1(1) tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/757/ĠAI tal-25 ta' Ottubru 2004 li tistabbilixxi dispożizzjonijiet minimi dwar l-elementi kostitwenti ta' atti kriminali u ta' pieni fil-qasam tat-traffikar illeċitu ta' drogi (id-"Deċiżjoni Kwadru")[5] jistipula li, għall-finijiet tad-Deċiżjoni Kwadru, "droga" tfisser sustanza koperta jew mill-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi inkella mill-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi u kull waħda mis-sustanzi elenkati fl-Anness tad-Deċiżjoni Kwadru. Għalhekk, id-Deċiżjoni Kwadru tapplika għas-sustanzi elenkati fl-Iskedi tal-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi u tal-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi. B'hekk, kull bidla fl-iskedi annessi ma' dawn il-Konvenzjonijiet taffettwa b'mod dirett ir-regoli komuni tal-UE u tbiddel l-ambitu tagħhom, f'konformità mal-Artikolu 3(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). Dan jgħodd irrispettivament minn jekk is-sustanza inkwistjoni hijiex ikkontrollata fl-Unjoni.[6]

L-ECDD irrieżamina b'mod kritiku tmien sustanzi waqt is-47 laqgħa tiegħu, speċifikament kannabinojdi sintetika waħda – eżaidrokannabinol –, erba' opioids sintetiċi ġodda – *N*-pirrolidina protonitażina (protonitażepina), *N*-pirrolidina metonitażina (metonitażepina), etonitażepina (*N*-Piperidinil etonitażina), *N*-desetil-isotonitażina –, sustanza waħda tat-tip diżoċjativ – 3-OH-PCP (3-Idrossi-fenċiklidina) –, katinoni/stimulant wieħed – *N*-etileptedron – u mediċina waħda – karisoprodol.

It-tmien sustanzi kollha huma mmonitorjati mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea dwar id-Drogi (EUDA)[7]. Barra minn hekk, erbgħa minn dawn is-sustanzi – l-eżaidrokannabinol, il-protonitażepin, il-metonitażepin, *N*-desetil-isotonitażina – qegħdin taħt monitoraġġ intensiv mill-EUDA. L-ECDD iddeċieda li jirrakkomanda sitta minn dawn għall-iskedar: protonitażepina, metonitażepina, etonitażepina, *N*-desetil-isotonitażina, eżaidrokannabinol u karisoprodol.

Il-proposta tal-Kummissjoni għal pożizzjoni tal-Unjoni tissuġġerixxi li jingħata appoġġ lir-rakkomandazzjonijiet tad-WHO, il-kontroll tas-sitt sustanzi msemmija hawn fuq, peress li dawn huma konformi mal-għarfien xjentifiku fis-sitwazzjoni attwali. Fir-rigward ta' dawn is-sustanzi psikoattivi ġodda, iż-żieda tagħhom fl-Iskedi tal-Konvenzjonijiet hija appoġġata wkoll mill-informazzjoni disponibbli mill-Bażi tad-Data Ewropea dwar Drogi Ġodda tal-EUDA.

Huwa meħtieġ li l-Kunsill jistabbilixxi l-pożizzjoni tal-Unjoni għal-laqgħa tas-CND meta din tissejjaħ biex tiddeċiedi dwar l-iskedar ta' sustanzi. Tali pożizzjoni, minħabba l-

4 https://www.who.int/groups/ecdd/forty-seventh-ecdd-documents

5 Id-Direttiva (UE) 2017/2103 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2017 li temenda d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/757/ĠAI sabiex id-definizzjoni ta' "droga" tinkludi sustanzi psikoattivi ġodda u li tħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/387/ĠAI, ĠU L 305, 21.11.2017, p. 12.

6 Ara l-Anness tad-Deċiżjoni Kwadru.

7 Ir-Regolament (UE) 2023/1322 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2023 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea dwar id-Drogi (EUDA) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1920/2006, ĠU L 166, 30.6.2023, p. 6-47.

limitazzjonijiet intrinsiċi tal-istatus ta' osservatur tal-Unjoni, jenħtieġ li tiġi espressa mill-Istati Membri li se jkunu membri tas-CND f'Marzu 2025, filwaqt li jaġixxu b'mod konġunt fl-interess tal-Unjoni fis-CND. L-Unjoni mhijiex parti għal dawn il-Konvenzjonijiet iżda għandha kompetenza esklużiva f'dan il-qasam.

Għal dan l-għan, il-Kummissjoni qed tipproponi li l-Istati Membri li se jkunu membri tas-CND f'Marzu 2025 jesprimu l-pożizzjoni tal-Unjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, fit-68 sessjoni tas-CND dwar l-iskedar ta' sustanzi taħt il-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi u l-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi. Fil-passat, il-Kunsill adotta tali pożizzjonijiet tal-Unjoni u b'hekk ippermetta lill-UE titkellem b'vuċi waħda fil-laqgħat preċedenti tas-CND rigward l-iskedar internazzjonali, peress li l-Istati Membri li pparteċipaw fis-CND ivvutaw favur l-iskedar f'konformità mal-pożizzjoni adottata tal-Unjoni[8].

## BAŻI LEGALI

### Bażi legali proċedurali

*1.1.1. Prinċipji*

L-Artikolu 218(9) TFUE jipprevedi deċiżjonijiet li jistabbilixxu "*(i)l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f'isem l-Unjoni f'sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim.*"

L-Artikolu 218(9) TFUE japplika irrispettivament minn jekk l-Unjoni hijiex membru tal-korp jew parti għall-ftehim[9].

Il-kunċett ta' "*atti li jkollhom effetti legali*" jinkludi atti li jkollhom effetti legali bis-saħħa tar-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregolaw is-sede inkwistjoni. Dan jinkludi wkoll l-istrumenti li ma għandhomx effett vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, iżda li "*jistgħu jinfluwenzaw b'mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatura tal-UE*"[10].

*1.1.2. Applikazzjoni għal dan il-każ*

Is-CND hija "korp imwaqqaf bi ftehim" skont it-tifsira ta' dan l-Artikolu, minħabba li hija korp stabbilita mill-Kunsill Ekonomiku u Soċjali (United Nations Economic and Social Council, ECOSOC) tan-Nazzjonijiet Uniti u li ngħata kompiti speċifiċi skont il-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi u l-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi.

Id-deċiżjonijiet ta' skedar tas-CND huma "atti li jkollhom effetti legali" skont it-tifsira tal-Artikolu 218(9) TFUE. Skont il-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi u l-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi, id-deċiżjonijiet tas-CND huma vinkolanti. Jekk parti tippreżenta deċiżjoni tas-CND għal rieżami lill-ECOSOC fil-limitu ta' żmien applikabbli[11], id-deċiżjonijiet tal-ECOSOC dwar il-kwistjoni jkunu finali. Id-deċiżjonijiet ta' skedar tas-CND għandhom ukoll effetti legali fl-ordni ġuridiku tal-UE bis-saħħa tad-dritt tal-Unjoni, minħabba l-fatt li jistgħu jinfluwenzaw b'mod deċiżiv il-kontenut tal-leġiżlazzjoni tal-UE, jiġifieri d-

[8] B'eċċezzjoni waħda li ġiet riferuta lill-Qorti tal-Ġustizzja.
[9] Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 a' Ottubru 2014, Il-Ġermanja vs Il-Kunsill, C-399/12, ECLI:EU:C:2014:2258, il-paragrafu 64.
[10] Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Ottubru 2014, Il-Ġermanja vs Il-Kunsill, C-399/12, ECLI:EU:C:2014:2258, il-paragrafi minn 61 sa 64.
[11] L-Artikolu 3(8) tal-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi; L-Artikolu 2(7) tal-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi.

Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/757/ĠAI. Il-bidliet fl-iskedi tal-Konvenzjonijiet għandhom riperkussjonijiet diretti għall-ambitu ta' dan l-istrument legali tal-UE.

L-att previst ma jissupplimentax jew ma jemendax il-qafas istituzzjonali tal-Ftehim.

Għalhekk, il-bażi legali proċedurali għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) TFUE.

## 1.2. Bażi legali sostantiva

### *1.2.1. Prinċipji*

Il-bażi legali sostantiva għal deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) TFUE tiddependi primarjament mill-objettiv u l-kontenut tal-att previst li fir-rigward tiegħu tittieħed pożizzjoni f'isem l-Unjoni.

### *1.2.2. Applikazzjoni għal dan il-każ*

L-objettiv ewlieni u l-kontenut tal-att previst jirrelataw mat-traffikar tad-droga.

Għalhekk, il-bażi legali sostantiva tad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 83(1) TFUE, li jidentifika t-traffikar tad-droga bħala wieħed mir-reati b'dimensjoni transfruntiera speċjali u jagħti s-setgħa lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jistabbilixxu regoli minimi dwar id-definizzjoni ta' reati u sanzjonijiet fil-qasam tat-traffikar tad-droga.

## 1.3. Ġeometrija varjabbli

Id-Danimarka hija marbuta bid-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/757/ĠAI kif applikabbli sal-21 ta' Novembru 2018, li tistipula fl-Artikolu 1 tagħha li "drogi" għandhom ifissru kull waħda mis-sustanzi koperti jew mill-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi inkella mill-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi. Peress li d-deċiżjonijiet ta' skedar tas-CND jaffettwaw ir-regoli komuni fil-qasam tat-traffikar tad-drogi li d-Danimarka hija marbuta bihom, id-Danimarka tieħu sehem fl-adozzjoni ta' Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni meta jiġu adottati tali deċiżjonijiet ta' skedar.

L-Irlanda hija marbuta bid-Deċiżjoni Kwadru u għalhekk qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni meta jiġu adottati tali deċiżjonijiet ta' skedar.

## 1.4. Konklużjoni

Il-bażi legali tad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 83(1) TFUE flimkien mal-Artikolu 218(9) TFUE.

# 2. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Ma hemm l-ebda implikazzjoni baġitarja.

2025/0002 (NLE)

Proposta għal

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-Unjoni Ewropea, fit-tmienja u sittin sessjoni tal-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi dwar l-iskedar ta' sustanzi taħt il-Konvenzjoni Unika dwar Drogi Narkotiċi tal-1961, kif emendata bil-Protokoll tal-1972, u l-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi tal-1971**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), u b'mod partikolari l-Artikolu 83(1), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Konvenzjoni Unika tan-Nazzjonijiet Uniti (NU) dwar id-Drogi Narkotiċi tal-1961, kif emendata bil-Protokoll tal-1972, ("il-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi")[12] daħlet fis-seħħ fit-8 ta' Awwissu 1975.

(2) Skont l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi, il-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi (CND, Commission on Narcotic Drugs) tista' tiddeċiedi li żżid sustanzi mal-Iskedi ta' dik il-Konvenzjoni. Hija tista' tagħmel bidliet fl-Iskedi biss f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO, World Health Organisation), iżda tista' wkoll tiddeċiedi li ma tagħmilx il-bidliet irrakkomandati mid-WHO.

(3) Il-Konvenzjoni tan-NU dwar is-Sustanzi Psikotropiċi tal-1971 ("il-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi")[13] daħlet fis-seħħ fis-16 ta' Awwissu 1976.

(4) Skont l-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi, is-CND tista' tiddeċiedi li żżid sustanzi mal-Iskedi ta' dik il-Konvenzjoni, jew li tneħħihom, fuq il-bażi tar-rakkomandazzjonijiet tad-WHO. Hija għandha setgħat diskrezzjonali estensivi biex tqis fatturi ekonomiċi, soċjali, legali, amministrattivi u fatturi oħra, iżda ma tistax taġixxi b'mod arbitrarju.

(5) Il-bidliet fl-Iskedi tal-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi u l-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi għandhom riperkussjonijiet diretti fuq il-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni fil-qasam tal-kontroll tad-drogi. Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/757/ĠAI[14] tapplika għas-sustanzi elenkati fl-Iskedi ta' dawk il-Konvenzjonijiet. B'hekk, kull bidla fl-Iskedi annessi ma' dawk il-Konvenzjonijiet taffettwa direttament ir-regoli komuni tal-Unjoni u tbiddel l-ambitu tagħhom, f'konformità mal-Artikolu 3(2) TFUE.

---

[12] United Nations Treaty Series (Sensiela tat-Trattati tan-Nazzjonijiet Uniti), vol. 978, Nru 14152.

[13] United Nations Treaty Series (Sensiela tat-Trattati tan-Nazzjonijiet Uniti), vol. 1019, Nru 14956.

[14] Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/757/ĠAI tal-25 ta' Ottubru 2004 li tistabbilixxi dispożizzjonijiet minimi dwar l-elementi kostitwenti ta' atti kriminali u ta' pieni fil-qasam tat-traffikar illeċitu ta' drogi (ĠU L 335, 11.11.2004, p. 8).

(6) Matul it-68 sessjoni tagħha, skedata mill-10 sal-14 ta' Marzu 2025 fi Vjenna, is-CND għandha tiddeċiedi dwar iż-żieda ta' sitt sustanzi ġodda mal-Iskedi tal-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi u tal-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi.

(7) L-Unjoni la hija parti għall-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi u lanqas għall-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi. Għandha status ta' osservatur bla ebda dritt tal-vot fil-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi, li tagħha huma membri 13-il Stat Membru bid-dritt tal-vot f'Marzu 2025.[15] Huwa meħtieġ li l-Kunsill jawtorizza lil dawk l-Istati Membri jesprimu l-pożizzjoni tal-Unjoni dwar l-iskedar ta' sustanzi taħt dawk il-Konvenzjonijiet peress li deċiżjonijiet dwar iż-żieda ta' sustanzi ġodda mal-Iskedi tagħhom jaqgħu fil-kompetenza esklużiva tal-Unjoni.

(8) Id-WHO rrakkomandat iż-żieda ta' erba' sustanzi ġodda fl-Iskeda I tal-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi, tliet sustanzi ġodda fl-Iskeda II tal-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi, u sustanza ġdida fl-Iskeda IV tal-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi[16].

(9) Is-sustanzi kollha rieżaminati mill-Kumitat tal-Esperti tad-WHO dwar id-Dipendenza fuq id-Droga (ECDD, Expert Committee on Drug Dependence) u rrakkomandati għall-iskedar mid-WHO huma mmonitorjati mill-Aġenzija tad-Drogi tal-Unjoni Ewropea (EUDA, European Union Drugs Agency) bħala sustanzi psikoattivi ġodda skont it-termini tar-Regolament (UE) 2023/1322 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[17].

(10) Skont il-valutazzjoni mill-ECDD, il-protonitażepina (isem IUPAC: 5-nitro-2- [(4-propossifenil) metil]-1-(2-pirrolidin-1-iletil)benżimidażol) hija oppjojde sintetiku fil-familja analoga tan-nitażen. Il-protonitażepina ma ġietx formalment rieżaminata qabel mid-WHO. Il-protonitażepina ma għandha l-ebda użu terapewtiku jew awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni magħrufa. Hemm biżżejjed evidenza li l-protonitażepina qed tiġi abbużata, jew x'aktarx li qed tiġi abbużata, u tista' tikkostitwixxi problema tas-saħħa pubblika u problema soċjali li tiġġustifika t-tqegħid tas-sustanza taħt il-kontroll internazzjonali. Għaldaqstant, id-WHO tirrakkomanda li l-protonitażepina titqiegħed fl-Iskeda I tal-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi.

(11) Il-protonitażepina nstabet f'sitt Stati Membri u hija kkontrollata f'mill-inqas żewġ Stati Membri. Il-protonitażepina qiegħda taħt monitoraġġ intensiv mill-EUDA. Ġew irrapportati erbgħa u sebgħin avvelenament akut b'esponiment issuspettat għall-protonitażepina minn Stat Membru wieħed.

(12) Għalhekk, jenħtieġ li l-pożizzjoni tal-Unjoni tkun li l-protonitażepina tiżdied mal-Iskeda I tal-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi.

(13) Skont il-valutazzjoni mill-ECDD, il-mentonitażepina (isem IUPAC: 2-[(4-metossifenil)metil]-5-nitro-1-(2-pirrolidin-1-iletil)-1*H*-benżoimidażol) hija oppjojde sintetiku fil-familja analoga tan-nitażen. Il-mentonitażepina ma ġietx formalment rieżaminata qabel mid-WHO. Il-mentonitażepina ma għandha l-ebda użu terapewtiku jew awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni magħrufa. Hemm biżżejjed evidenza li l-mentonitażepina qed tiġi abbużata, jew x'aktarx li qed tiġi abbużata, u tista'

---

15 L-Awstrija, il-Belġju, Franza, il-Finlandja, l-Ungerija, l-Italja, il-Litwanja, Malta, in-Netherlands, il-Polonja, il-Portugall, is-Slovenja u Spanja.

16 https://www.who.int/groups/ecdd/forty-seventh-ecdd-documents

17 Ir-Regolament (UE) 2023/1322 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2023 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea dwar id-Drogi (EUDA, European Union Drugs Agency) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1920/2006, ĠU L 166, 30.6.2023, p. 6-47.

tikkostitwixxi problema tas-saħħa pubblika u problema soċjali li tiġġustifika t-tqegħid tas-sustanza taħt il-kontroll internazzjonali. Għaldaqstant, id-WHO tirrakkomanda li l-mentonitażepina titqiegħed fl-Iskeda I tal-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi.

(14) Il-mentonitażepina nstabet f'erba' Stati Membri u hija kkontrollata f'mill-inqas żewġ Stati Membri. Il-mentonitażepina qiegħda taħt monitoraġġ intensiv mill-EUDA.

(15) Għaldaqstant, jenħtieġ li l-pożizzjoni tal-Unjoni tkun li l-metonitażepina tiżdied mal-Iskeda I tal-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi.

(16) Skont il-valutazzjoni mill-ECDD, l-etonitażepipina (isem IUPAC: 2-[(4-Etossifenil)metil]-5-nitro-1-(2-piperidin-1-iletil)-1*H*-benżimidażoli) hija waħda minn diversi oppjojdi 2-benżilbenżimidażoli sintetiċi, kollettivament magħrufa bħala "nitażani". L-etonitażepipina ma ġietx formalment rieżaminata qabel mid-WHO. L-etonitażepipina ma għandha l-ebda użu terapewtiku jew awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni magħrufa. Hemm biżżejjed evidenza li l-etonitażepipina qed tiġi abbużata, jew x'aktarx li qed tiġi abbużata, u tista' tikkostitwixxi problema tas-saħħa pubblika u problema soċjali li tiġġustifika t-tqegħid tas-sustanza taħt il-kontroll internazzjonali. Għaldaqstant, id-WHO tirrakkomanda li l-etonitażepipina titqiegħed fl-Iskeda I tal-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi.

(17) L-etonitażepipina nstabet f'ħames Stati Membri u hija kkontrollata f'mill-inqas sitt Stati Membri. L-etonitażepipina hija taħt monitoraġġ mill-EUDA. Żewġ imwiet u avvellement akut wieħed b'esponiment ikkonfermat għall-etonitażepipina ġew irrapportati minn tliet Stati Membri.

(18) Għaldaqstant, jenħtieġ li l-pożizzjoni tal-Unjoni tkun li l-etonitażepipina tiżdied mal-Iskeda I tal-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi.

(19) Skont il-valutazzjoni mill-ECDD, *N*-deżetil isotonitażen (Isem tal-IUPAC: *N*-etil-2-[2-[(4-isopropossifenil)metil]-5-nitro-benżimidażol-1-yl]etanamina) hija oppjojde sintetiku derivat mill-benżimidażol bi struttura kimika u similaritajiet farmakoloġiċi mad-drogi skont l-Iskeda I tal-Konvenzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti tal-1961), bħall-isotonitażen, u hija metabolit tal-isotonitażen. *N*-deżetil isotonitażen ma ġietx formalment rieżaminata qabel mid-WHO. *N*-deżetil isotonitażen ma għandha l-ebda użu terapewtiku jew awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni magħrufa. Hemm biżżejjed evidenza li *N*-deżetil isotonitażen qed tiġi abbużata, jew x'aktarx li tiġi abbużata, u tista' jikkostitwixxi problema soċjali u tas-saħħa pubblika li tiġġustifika t-tqegħid tas-sustanza taħt il-kontroll internazzjonali. Għaldaqstant, id-WHO tirrakkomanda li *N*-deżetil isotonitażen titqiegħed fl-Iskeda I tal-Konve nzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi.

(20) *N*-deżetil isotonitażen instabet f'żewġ Stati Membri u hija kkontrollata f'mill-inqas żewġ Stati membri. *N*-deżetil isotonitażen qiegħda taħt monitoraġġ intensiv mill-EUDA. Żewġt imwiet b'esponiment ikkonfermat għall-*N*-deżetil isotonitażen ġew irrapportati minn Stat Membru wieħed.

(21) Għalhekk, jenħtieġ li l-pożizzjoni tal-Unjoni tkun li *N*-deżetil isotonitażen tiżdied mal-Iskeda I tal-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi.

(22) Skont il-valutazzjoni mill-ECDD, l-esaidrokannabinol (HHC) (isem IUPAC: 6a,7,8,9,10,10a-esaidro-6,6,9-trimetil-3-pentil-6*H*-dibenżo[*b,d*]piran-1-ol) hija kannabinojde semisintetiku li l-iktar spiss huwa sintetizzat mill-kannabidjol bħala prekursur. L-esaidrokannabinol ma ġietx formalment rieżaminata qabel mid-WHO. L-esaidrokannabinol ma għandha l-ebda użu terapewtiku jew awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni magħrufa. Hemm biżżejjed evidenza li l-esaidrokannabinol qed

tiġi abbużata, jew x'aktarx li qed tiġi abbużata, u tista' tikkostitwixxi problema tas-saħħa pubblika u problema soċjali li tiġġustifika t-tqegħid tas-sustanza taħt il-kontroll internazzjonali. Għalhekk, id-WHO tirrakkomanda li l-esaidrokannabinol titqiegħed fl-Iskeda II tal-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi.

(23) L-esaidrokannabinol instabet f'ħamsa u għoxrin Stat Membru u hija kkontrollata f'mill-inqas għoxrin Stat Membru. L-esaidrokannabinol qiegħda taħt monitoraġġ intensiv mill-EUDA. Erba' każijiet ta' avvellement akut b'esponiment ikkonfermat għall-esaidrokannabinol ġew irrapportati minn żewġ Stati Membri. Seba' każijiet ta' avvelenament akut b'esponiment probabbli għall-esaidrokannabinol ġew irrapportati minn żewġ Stati Membri. Sitt każijiet addizzjonali ta' avvelenament akut b'esponiment issuspettat għall-esaidrokannabinol ġew irrapportati minn tliet Stati Membri.

(24) Għalhekk, jenħtieġ li l-pożizzjoni tal-Unjoni tkun li l-esaidrokannabinol tiżdied mal-Iskeda II tal-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi. Skont il-valutazzjoni mill-ECDD, il-karisoprodol (isem IUPAC: (2RS)-2-[(karbamilossi)metil]-2-metilpentil(1-metiletil)karbammat) hija rilassant tal-muskoli li jaġixxi ċentralment użat fuq medda qasira ta' żmien bħala addizzjoni għall-kura sintomatika ta' disturbi muskoloskeletali akuti assoċjati ma' spażmi muskoloskeletali akuti. Il-potenzjal għall-użu ħażin tal-karisoprodol jista' jkun relatat kemm mal-effetti sedattivi tagħha kif ukoll mal-kapaċità tagħha li tqawwi l-effetti ta' sustanzi oħra. Għalhekk, l-effetti sedattivi tal-karisoprodol jistgħu jiġu potentizzati meta jiġu kkombinati ma' benżodiażepini, oppjojdi jew alkoħol. L-użu fit-tul jew eċċessiv tal-karisoprodol jista' jwassal għal dipendenza. Il-karisoprodol tista' tiġi ddevjata minn kanali mediċi leġittimi u tidħol fis-suq illeċitu biex tinbiegħ mingħajr superviżjoni medika xierqa, u b'hekk jiżdied l-abbuż potenzjali u l-konsegwenzi negattivi. Il-karisoprodol ġiet rieżaminata minn qabel fl-2001 waqt it-32 laqgħat tal-ECDD. Dak iż-żmien, il-Kumitat ma rrakkomandax rieżami kritika tal-karisoprodol. Il-karisoprodol ġiet ulterjorment ippreżentata, diskussa u rieżaminata minn qabel fl-2023 waqt is-46 laqgħa tal-ECDD, fejn ġie rrakkomandat li jsir proċediment għal rieżami kritika. Il-karisoprodol hija mediċina bir-riċetta u tidher li hija droga liċenzjata f'diversi pajjiżi u territorji. Madankollu, ma għadhiex tintuża b'mod mediku fl-Ewropa peress li l-Kumitat tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini għall-Prodotti Mediċinali għall-Użu mill-Bniedem issospenda l-awtorizzazzjonijiet kollha għat-tqegħid fis-suq għall-karisoprodol madwar l-Ewropa. Il-karisoprodol ma għandha l-ebda użu industrijali magħruf. Hemm biżżejjed evidenza li l-karisoprodol qed tiġi abbużata, jew x'aktarx li qed tiġi abbużata, u tista' tikkostitwixxi problema tas-saħħa pubblika u problema soċjali li tiġġustifika t-tqegħid tas-sustanza taħt il-kontroll internazzjonali. B'hekk, id-WHO tirrakkomanda li l-karisoprodol titqiegħed fl-Iskeda IV tal-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi.

(25) Il-karisoprodol instabet f'żewġ Stati Membri. Il-karisoprodol qiegħda taħt monitoraġġ mill-EUDA. Żewġt imwiet b'esponiment ikkonfermat għall-karisoprodol ġew irrapportati minn Stat Membru wieħed.

(26) Għalhekk, jenħtieġ li l-pożizzjoni tal-Unjoni tkun li l-karisoprodol tiżdied mal-Iskeda IV tal-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi.

(27) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fis-CND, peress li d-deċiżjonijiet dwar l-iskedar fir-rigward tas-sitt sustanzi se jkunu jistgħu jinfluwenzaw b'mod deċiżiv il-kontenut tad-dritt tal-Unjoni, jiġifieri d-Deċiżjoni Kwadru 2004/757/ĠAI.

(28) Il-pożizzjoni tal-Unjoni għandha tiġi espressa mill-Istati Membri li huma membri tas-CND, li jaġixxu b'mod konġunt.

(29) Id-Danimarka hija marbuta bid-Deċiżjoni Kwadru 2004/757/ĠAI u għalhekk qed tieħu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

(30) L-Irlanda hija marbuta bid-Deċiżjoni Kwadru 2004/757/ĠAI u għalhekk qed tieħu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fit-tmienja u sittin sessjoni tal-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi, mill-10 sal-14 ta' Marzu 2025, meta dak il-korp jintalab jadotta deċiżjonijiet dwar iż-żieda ta' sustanzi fl-Iskedi tal-Konvenzjoni Unika tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drogi Narkotiċi tal-1961, kif emendata bil-Protokoll tal-1972, u l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar is-Sustanzi Psikotropiċi tal-1971, hija stabbilita fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Il-pożizzjoni msemmija fl-Artikolu 1 għandha tiġi espressa mill-Istati Membri li huma membri tal-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi, filwaqt li jaġixxu b'mod konġunt fl-interess tal-Unjoni.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*